TIBDIL FIL-KUNJOM TAL-MISSIER

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 752/2016/LSO**

**Ream Belgasem Jerrari**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Ream Belgasem Jerrari (ID. 330772(M)) datat 3 ta' Awwissu 2016 fejn espona: -

Illi r-rikorrenti twieldet fl-12 ta' Awwissu 1972 gewwa Sliema, Malta liema att ta' twelid huwa anness bhala Dok A.

Illi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' tal-missier r-rikorrenti l-kunjom huwa "Belgasem Hammouda" mentri r-rikorrent ghandha fil-fatt il-kunjom "Belgasem Hammouda Jerrari".

Illi fil-fatt hija dejjem kienet maghrufa bil-kunjom "Begasem Hammouda Jerrari" u dan jirrizulta minn bosta dokumenti li l-esponenti qieghda tesebixxi ma' dan ir-rikors guramentat u kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza. Addirittura anke komunikazzjoni mibghuta lilha mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates intbaghatet lilha bil-kunjom "Jerrari".

Illi missier ir-rikorrenti kien jismu Belgasem Hammouda Jerrari kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg tal-genituri taghha.

Illi in oltre wlied ir-rikorrenti huma wkoll kollha rikonoxxuti bil-kunjom "Belgasem Hammouda Jerrari" kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza, *ai terimini* tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha: -

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kunjom r-rikorrenti huwa "Jerrari" u mhux "Belgasem Hammouda".

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrent billi, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' tal-missier it-tarbija, kunjom il-missier jitnizzel bhala " Jerrari" u mhux "Belgasem Hammouda".

3. Tordna lill-intimat li sabiex jassikura li l-emenda mitluba fit-tieni talba, tigi riflessa f' kull att tal-istat civili tar-rikorrent u fejn ikun hemm, ghal ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, u dan *a tenur* tal-artikolu 253(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

u dan taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta' Ottubru 2016 (fol 29) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern

tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghall-premess, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-integrita` tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li ghandha tidher bhala ***"Ream Belgasem"*** *stante* li l-isem *'Ream Belgasem Jerrari'* ma jappartjenix lilha skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha bin-numru tal-iskrizzjoni tlett elef tliet mija u sebgha (3307) tas-sena elf disgha mija u tnejn u sebghin (1972) anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala "Dok A";

3. Illi l-attrici qed taghmel referenza **ghall-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u fl-istess hin qed titlob li ssir emenda fic-certifkat tat-twelid tieghu. Ir-referenza ghall-artikolu u t-talba nnifisha huma kontraditorji;

4. Illi dan jinghad ghaliex **l-Artikolu 253 (2)** jirreferi ghal meta persuna trid li jkun hemm annotazzjoni biex hu jkun maghruf b'tali isem jew kunjom waqt li talba ghall-korrezzjoni trid tigi msejsa taht **l-Artikolu 253 (1)** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma tistax titlob ghall-korrezzjoni u dan ghaliex ma jirrizultax mid-dokumenti li gew mehmuza flimkien mar-rikors guramentat li fid-data ta' registrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni;

6. Illi, galadarba ma kien sar l-ebda zball jew ommissjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew zieda ta' kunjom iehor ma tista' tigi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat civili skont id-dettami ta' **l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

7. Illi *di piu'* fuq l-att tat-twelid *de quo* kien propju missier ir-rikorrenti ossia Belgasem Hammouda li kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha li tnizzlet fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti u sahansitra ffirma l-istess att permezz tal-firma **'B.Hammouda'.** Illi ghaldaqstant l-isem u l-kunjom ta' missier ir-rikorrenti tnizzlu hekk kif mitlub minnu stess;

8. Illi fir-rigward tal-paragrafu numru 4 fir-rikors promotur b'referenza ghac-certifikat taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrenti Dok J anness mal-imsemmi rikors jinghad illi huwa certifikat tat-twelid li jistabillixxi l-isem u l-kunjom ta' persuna, u mhux certifikat taz-zwieg;

**9. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti msejsa kif inhi fuq il-korrezzjoni ma tistax tigi milqugha u ghandha tigi michuda;**

10. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispjjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 18 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr David Camilleri u Dr Joseph Gatt. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Id-difensuri prezenti trattaw ir-rikors tal-15 ta' Marzu 2017, liema trattazjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Inghata digriet, li gie registrat fuq is-sistema eletronika, fuq ir-rikors tal-15 ta' Marzu 2017. Dr Ellul ghaddiet ruhha b'notifikata bir-rikors kif korrett. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi, u qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza li qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fl-1 ta' Settembru 2016 (fol 28) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni kif awtorizzata b'digriet tal-15 ta' Marzu 2017 (fol 71-72), ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-att tat-twelid taghha kif registrat jigi korrett billi l-kunjom "Belgasem Hammouda" jigi sostitwit bil-kunjom "Jerrari".

Illi r-rikorrenti esebiet mar-rikors promotur, kopja tal-passaport taghha, Dok B (fol 5), certifikat tat-twelid mahrug fil-Libja u t-traduzzjoni tieghu Dok I (fol 12-13), u certifikat taz-zwieg mahrug fil-Libja u traduzzjoni tieghu Dok J (fol 14-16).

Ir-rikorrent fl-affidavit taghha kkonfermat li hi twieldet f'Malta fit-12 ta' Awwissu 1972, u sussegwentement marret toqghod il-Libja fejn izzewget hemmhekk. Izda, hi kellha c-cittadinanza Maltija peress li twieldet hawn. Semmiet li meta regghet giet toqghod Malta f'Awwissu 2016, intebhet mid-dokumenti tar-Registru Pubbliku, li l-kunjom "Jerrari" kien nieqes. Spjegat li Ream hu isimha, Belgasem, hu isem missierha, u Jerrari hu l-kunjom tal-familja u l-kunjom ta' missierha, u indikat li fl-att tat-twelid Libjan jidher il-kunjom taghha Jerrari. Difatti, esebiet kopja originali tal-att tat-twelid taghha (fol 40-41) *animo ritirandi*. Zewgha Said Ahmed Elhenshiri kkonferma permezz ta' affidavit, li gew jirrisjedu f'Malta f'Awwissu 2016, u qal li l-kunjom tar-rikorrenti u kunjom missierha huwa "Jerrari."

Illi f'kazijiet simili fejn jigu prodotti Att tat-twelid u atti ufficjali ohrajn, redatti f'pajjiz iehor b'lingwa li mhijiex wahda fost dawk ufficjali f'pajjizna, d-dettalji mnizzla fl-Atti trid issirilhom traduzzjoni.

Fir-rigward tal-kaz odjern, din il-Qorti hi fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna

koncernata, specjalment meta jkun qed jintalab korrezzjoni fil-kunjom. Id-dokumenti ufficjali u c-certifikati esebiti mir-rikorrenti jistghu jaghtu l-informazzjoni mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghat-talbiet odjerni.

Ghal dan l-iskop, il-Qorti nnominat lil Nadia Lanzon, bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza. Mir-rapport taghha esebit a fol 54 sa 58 tal-process, debitament mahluf fit-22 ta' Marzu 2017, jirrizulta s-segwenti informazzjoni.

Illi gew tradotti d-dokumenti relevanti, fosthom, l-att tat-twelid kif registrat fil-Libya, a fol 13, u l-att taz-zwieg tar-rikorrenti Dok ZZ, u c-certifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti a fol 40, 41.

It-traduttrici spjegat b'riferenza ghall-isem tar-rikorrenti kif registrat fl-att tat-twelid mahrug mill-Libja li isimha huwa mnizzel bhala Ream Belgasem Hammouda, liema isem jikkonsisti fi tlett ismijiet kif hija l-usanza ta' pajjizi Gharab. Spjegat li l-ewwel isem huwa tal-persuna, t-tieni isem (Belgasem) huwa isem missier, u t-tielet isem huwa isem in-nannu patern (f'dan il-kaz Hammouda).

Illi dak li huwa rilevanti ghall-indagni odjerna, kif gustament irrileva l-intimat, huwa l-kunjom ta' missier ir-rikorrenti. Dan jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu a fol 40/41 tal-process. Skont l-espert, isem missier ir-rikorrenti huwa imnizzel bhala Belgasem Hammouda Ibrahim skont l-usanza surriferita, izda bhala kunjom hemm imnizzel 'Jerrari.'

L-istess traduttrici, ssottolineat, wara ezami tad-dokumenti esebiti li kunjom ir-rikorrenti huwa fil-fatt **"Jerrari",** anke peress li jirrizulta bic-car li l-kunjom **"Jerrari"** huwa kunjom missierha. Gie sottolineat li "**Ream Belgasem Hammouda**" huwa **isem** ir-rikorrenti.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex ma tadottax il-konkluzjoni tal-esperta mahtura u ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti ghall-korrezzjonijiet mehtiega.

Izda, kkonsidrat, li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-izball peress ma jirrizultax li l-izball kien dovut ghal xi ghemil tal-istess intimat.

Referibbilment ghat-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-intimat, gie eccepit, li t-talba kif dedotta fir-rikors promotur ma tinkwadrax taht l-artkolu 253 peress li l-artikolu 253(2) jirreferi ghal meta persuna trid li jkun hemm annotazzjoni biex hu jkun maghruf b'tali isem jew kunjom filwaqt li t-talba ghal korrezzjoni trid tkun imsejsa fuq l-artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Gie sottomess mill-intimat, li ladarba ma kien sar l-ebda zball jew ommissjoni da parti tal-intimat, l-ebda bidla jew zieda ta' kunjom ma tista' tigi affettwata.

Illi effettivament ir-rikorrent ma jispecifikax subartikolu partikolari tal-artikolu 253 u ghalhekk it-talba odjerna tista' tinkwadra taht l-ewwel subartikolu kif ukoll taht it-tieni.

Illi wara li sar l-analizi tal-atti esebiti mill-esperta traduttrici, gie konstatat li kunjom missier ir-rikorrenti huwa Jerrari.

Ghalhekk, dak li qed jintalab f'dan il-kaz, ma jmurx kontra l-ordinament guridiku taghna li huwa postulat fuq it-trasmissjoni tal-kunjom tal-missier ghall-ulied li jitwieldu fiz-zwieg f' Malta. Ghaldaqstant, tirrespingi l-argument fl-eccezzjonijiet hawn fuq imsemmija.

Madanakollu ghall-korrettezza jirrizulta mill-att tat-twelid ta' isem ir-rikorrenti li ismu huwa Belgasem Hammounda Ibrahim filwaqt li kunjomu huwa 'Jerrari'. Dan mhuwiex rifless fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti billi isem u kunjom missierha huma mnizzla bhala 'Belgasem Hammouda.'

Rigward it-tielet talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi. Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li terga' tirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f'atti ohra jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' limitatament l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti skont kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kunjom ir-rikorrenti huwa "Jerrari".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrenti billi kunjom il-missier jigi mnizzel bhala "Jerrari" filwaqt li l-

ismijiet tieghu jigu mnizzla bhala 'Belgasem Hammouda Ibrahim'.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**04 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**04 ta' Lulju 2017**